Tagħrif minn **P. Martin Borg O.C.D.**

# Il-Karmelitani Skalzi f'Bormla

Il-Karmelitani Skalzi huma l-uniku Ordni Marjan li daħal f'Malta fil-bidu tas-Seklu 17, imbagħad sa l-aħħar tas-Seklu 18 kellu importanza kbira fit-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna, mhux biss fil-gżejjer Maltin imma wkoll fil-pajjiżi imbegħda, għaliex l-ewwel monasteru ta' Malta ġewwa Bormla kellu jkun Kulleġġ Missjunarju Internazzjonali għall-Evanġelizzazzjoni tal-pajjiżi tal-Lvant, mill-Asja Minuri sal-Mesopotamja u saħansitra fil-Malabar u l-Indja.



*Il-knisja ta' Santa Tereża*

Kien għal dan l-għan li r-riforma Tereżjana tal-Karmelu wettqet din il-fundazzjoni ġewwa Malta. Is-Superjur Ġenerali tal-Kongregazzjoni Taljana ta' dak iż-żmien, Patri Pawl Xmun ta' Ġesù Marija (Rivarola) ta' bniedem prattiku li kien, iddeċieda li l-Ordni ta' Santa Tereża għandu jidħol ġewwa Malta bħala mogħdija lejn il-Missjonijiet tal-Lvant. Bħala post f'idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann il-Battista, Malta kienet toffri opportunità unika li mhux ta' min jitlifha.

Minbarra l-kulleġġ Missjunarju ta' Ruma magħruf bħala *San Pankrazju*, l-Ordni kellu kulleġġ ieħor fil-Belġju f'Louvain, li kien iservi għat-taħriġ pastorali u għar-re-Evanġelizzazzjoni ta' l-Ewropa ta' fuq; imma kulleġġ internazzjonali fil-qalba tal-Mediterran fi triq ta' bosta flottot Insara kien ferm bżonnjuż għat-taħriġ tal-lingwi Orjentali tal-Missjonijiet tal-Lvant.

Għal dan il-proġett, Patri Pawl Xmun, akkwista l-patronaġġ tal-Papa Urbanu VIII innifsu kif ukoll tar-Re ta' Spanja Ferdinandu III. Imbagħad huwa avviċina l-Ordni ta' San Ġwann permezz ta' żewġ delegati li huwa bagħat Malta f'Ottubru 1625, li kienu l-Franċiż Patri Teodozju ta' l-Ispirtu s-Santu u l-Ispanjol Patri Ġużepp Anġlu ta' Omm

Alla. Bl-għajnuna ta' l-Isqof ta' Malta, Fra Baldassare Cagliares, irnexxielhom jakkwistaw il-kunsens neċessarju mingħand il-Gran Kunsill ta' l-Ordni ta' San Ġwann taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru Antoine de Paule. L-Isqof Cagliares flimkien mal-familja tiegħu, l-aktar oħtu Ursola, kellhom ikunu l-ikbar benefatturi tal-Karmelitani Skalzi f'Malta.

L-Att Pubbliku li kien ippubblikat fil-kurja ta' l-isqof il-Belt Valletta fil-11 ta' Diċembru 1625, juri li l-isqof innifsu għas-spejjeż tiegħu xtara mingħand il-Kavallier Fra Claudio Decasse biċċa art kbira flimkien ma' xi djar u ġonna oħra ġewwa *Burmula* u tahom lill-Karmelitani Skalzi *sabiex ikunu jistgħu jibnu monasteru u knisja dedikata lil Alla li jista' kollox, lill-Imqaddsa Verġni Marija tal-Karmnu u lis-Serafika Santa Tereża ta' Ġesù għall-qima lil Alla u għall-ġid spiritwali tal-poplu ta' dawn il-gżejjer.*[1]

Din il-biċċa art ġewwa Burmula kienet dak iż-żmien fil-limiti tal-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu, fejn kienet għadha qed tifforma belt ġdida, li llum nafuha bħala Bormla jew Cospicua. Sar xi tibdil fuq il-bini li kien diġà jeżisti fil-post u twaqqfet ukoll kappella proviżorja. L-Isqof Cagliares innifsu ċċelebra l-ewwel Quddiesa Solenni tiegħu f'din il-kappella nhar l-ewwel Ħadd fuq l-ottava ta' l-Epifanija tas-sena ta' wara, jiġifieri fl-1626.[2]

Id-dar il-ġdida ġewwa Bormla kienet għall-ewwel taħt il-ġuriżdizzjoni tal-provinċja ta' Ruma, imma fl-istess sena 1626 għaddiet taħt il-provinċja ta' Napli, u tliet snin wara taħt il-provinċja ta' Sqallija, sakemm fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni li kien sar fl-1632, il-kunvent ta' Bormla waqa' taħt ir-risponsabbiltà tad-definitorju ġenerali, biex ikun jista' jibda jwettaq il-missjoni tiegħu bħala Kulleġġ Missjunarju Internazzjonali.

F'dan il-Kapitlu Ġenerali, Patri Pawl Xmun kien ri-elett biex jaqdi t-tieni żmien tiegħu bħala Ġeneral ta' l-Ordni u ħaseb biex dak kollu li kien deċiż fil-Kapitlu Ġenerali dwar dan il-kulleġġ ikollu l-approvazzjoni neċessarja tas-Santa Sede. Ir-riżultat kien il-Bolla Papali ta' Urbanu VIII bit-titlu *Decet Nos* li kienet ippubblikata fit-2 ta' Marzu 1633. Matul dan iż-żmien jidher li l-kostruzzjoni tal-knisja u l-monasteru kienu waslu fi tmiemhom,[3] kif turi d-data mnaqqxa fil-faċċata ta' ġewwa tal-knisja.


*L-altar maġġur*

## Il-Knisja ta' Santa Tereża f'Bormla

Konxji tal-fatt li kellhom jiddedikaw il-knisja ġdida tagħhom lill-Madonna tal-Karmnu u lil Santa Tereża ta' Ġesù, il-Patrijiet għażlu bħala suġġett għall-kwadru titulari fuq l-altar maġġur tal-knisja, l-estasi ta' Santa Tereża, li ġrat nhar il-festa ta' l-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema tas-sena 1561 fil-knisja għad-Dumnikani ta' San Tumas. F'dan il-kwadru kbir, impitter mill-Kavallier Fra Luca Garnier madwar is-sena 1640, il-Madonna tiddomina l-kwadru waqt

li qiegħda tpoġġi kullana tad-deheb u ħaġar prezzjuż madwar għonq il-qaddisa bħala sinjal tal-protezzjoni tagħha fuq ir-riforma.[4]

San Ġużepp għandu wkoll post prominenti fil-kwadru fejn jidher qiegħed ipoġġi mantell ta' bjuda li tgħammex, li Santa Tereża nnifisha tiddeskrivi f'din il-viżjoni. U tabilħaqq, mill-atti kapitulari u mill-kronaċi tal-kunvent, wieħed jista' jikkonkludi li d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u San Ġużepp kienu ż-żewġ suġġetti prinċipali tal-patrijiet fost il-poplu ta' dak iż-żmien. L-altar maġġur ta' l-irħam inħadem fl-1771 fuq id-disinn ta' Franġisk Zahra u ħallas għalih Mons. Carlo Defranchi. Il-kandlieri ta' l-injam li jintużaw fil-festa ta' Santa Tereża nħadmu mill-Iskultur Xandru Farrugia fl-1841. Il-fjuretti tal-ganutilja tal-fidda kienu nħadmu fl-1951 mis-sorijiet tal-monasteru ta' Sant'Orsla tal-Belt taħt id-direzzjoni ta' Madre Ursola Portelli.


*San Ġwann tas-Salib (dettal)*

Ħafna huma l-Atti Kapitulari li jitkellmu dwar fundazzjoni ta' quddies kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt, kif ukoll fil-festa solenni tal-Madonna tal-Karmnu u dik ta' San Ġużepp.[5] Filwaqt li l-ewwel żewġ kappelli l-aktar viċin ta' l-altar maġġur mill-ewwel kienu ddedikati, waħda lill-Madonna tal-Karmnu, u l-oħra lil San Ġużepp bil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu mpitter minn Mattia Preti fl-1693, u dak ta' San Ġużepp attribwit lill-bottega tiegħu.[6]

Mill-atti tal-kapitlu konventwali tas-6 ta' Lulju 1693, jidher ċar li l-patrijiet kienu għadhom kif ħallsu lill-Kavallier Mattias għall-kwadru ġdid tal-Madonna tal-Karmnu ma' Sant'Elija, li kien għadu kif lesta u li kellu jieħu post ieħor qadim li kien impitter fuq l-injam. Dan il-kwadru qadim tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-injam, għal żmien twil kien imdendel fil-kor tal-kunvent sakemm tfarrak fl-aħħar gwerra dinjija meta ġġarraf il-kor. Ħafna atti kapitulari tas-Sekli 17 u 18 jagħtu tagħrif abbundanti ta' kif dawn iż-żewġ kappelli tal-Madonna tal-Karmnu u San Ġużepp kienu qed jiġu mżejna kontinwament b'oġġetti artistiċi.[7]

Kien fis-Seklu 18 li żewġ kwadri laterali kbar tpoġġew fil-kappella tal-Madonna tal-Karmnu li juru l-protezzjoni tal-Madonna fuq dawk li jilbsu l-Labtu Mqaddes tal-Karmnu. Dawn tpittru minn Rokku Buhagiar.[8] Żewġ kwadri laterali oħra tpoġġew fil-kappella ta' San Ġużepp li juru t-Twelid tal-Bambin u l-Adorazzjoni tal-Maġi. Dawn iż-żewġ kwadri sbieħ tpittru minn Enrico Arnaud.

Il-kappella ta' San Ġwann tas-Salib oriġinarjament kienet dedikata lil San Ġwann il-Battista sakemm f'April tas-sena 1675 ġiet dedikata lil dan il-qaddis riformatur, u fiha tpoġġiet l-istatwa artistika tal-qaddis, attribwita lill-Ispanjol Gregorio Fernandez.[9] L-altar tħallas mill-Gran Mastru Gregorio Caraffa, fejn ħalla fundazzjoni ta' Vespri u

quddiesa ad unur il-Qaddis nhar il-festa tiegħu, li kienet tiġi ċelebrata nhar l-24 ta' Novembru.[10] Fl-1771 il-Kavallier Francesco Ferrante ta' lill-knisja pittura ovali li turi l-Madonna tal-Ħniena. Il-patrijiet poġġew din il-pittura bħala *sottoquadro* fuq l-altar ta' din il-kappella.[11] Din ix-xbiha ġibdet ħafna devozzjoni, hekk li fis-Seklu 19 ġiet imwaqqfa fratellanza msejħa tal-Madonna tal-Ħniena jew ta' l-Onorati.

Il-kappella ta' San Girgor Taumaturgu twaqqfet f'din il-knisja fis-6 ta' Settembru 1681.[12] Il-kwadru titulari jirrappreżenta lil San Girgor b'miraklu qiegħed iċaqlaq muntanja biex minflokha jibni l-Katidral fid-Djoċesi ta' Neoċesarea huwa *ex voto*.[13] Jidher li ċertu Mons. Franġisk Saverju Muscat irċieva xi grazzja mingħand dan il-qaddis Taumaturgu fis-sena 1673, skond id-data li tidher fl-iskrizzjoni fuq il-kwadru li tgħid hekk: *OPUS HOC AD DEI GLORIAM AC DIVI GREGORII TAUMATURGII HONOREM EX VOTO F.X. MUSCAT FUIT EXECUTUM 1673.*



***L-istatwa ta' Santa Tereża ta' Ġużeppi Caruana (ta' Marċjol)***

Il-kwadru titulari fil-kappella ta' San Franġisk ta' Assisi tpitter minn Fra Luca Garnier fl-1653 flimkien mas-sopra-kwadru li juri l-Ispirtu s-Santu.

L-aħħar kappella hija dik tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fit-tempju. Il-kwadru titulari ta' din il-kappella tpitter minn Ġużeppi D'Arena fl-1695. F'din il-kappella, fuq l-altar tinsab ix-xbiha artistika tad-Duluri li kienet inħadmet fl-injam ġo Spanja mill-Iskultur Marjanu Ġerada u tqiegħdet f'din il-kappella wara li kienet ingħatat lill-Patrijiet mis-Sur Luigi Taljana fl-1851.[14] Fl-1855 l-Iskultur Żejtuni Xandru Farrugia ħadem fl-injam ix-xbiha ta' Kristu mejjet li tinsab taħt il-mensola ta' l-altar.

L-istatwa titulari li turi lil Santa Tereża ta' Ġesù nħadmet mill-Bormliż Ġużeppi Caruana ta' Marċjol fl-1954 wara li l-antika li kienet ta' Ġlormu Darmanin inqerdet fil-gwerra. Il-pedestall inħadem f'Bolzano mid-ditta *Vincenzo Moroder e figli Scultori* fl-1958. L-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu kienet inġiebet minn Ruma f'nofs is-seklu 20.

Fil-kampnar ta' din il-knisja nsibu sett ta' qniepen tassew sbieħ. Dawn kienu nħadmu fil-funderija tal-famużi *Gillet & Johnston* ta' Croydon, Surrey l-Ingilterra u inġiebu fl-1935.

**NOTI**

**Abrevazzjoni partikolari**

ACDC: Archivium Carmelitarum Discalceatorum, Cospicuae

[1] Dan l-att sar quddiem in-Nutar Pietro Paolo Vincella. (Manuskritt fl-arkivju tal-kunvent ta' Bormla) L-

Isqof ta' Malta Mons. Baldassere Cagliares kien minn dejjem meqjus bħala l-akbar benefattur tal-Karmelitani Skalzi f'Malta, hekk li kwadru tiegħu għadu meqjum b'għożża kbira fis-sagristija tal-knisja.

2 ACDC, *document tal-fundazzjoni*, p. 8

3 Ħafna mill-atti kapitulari ta' l-1641 u l-1642 jirreferu għall-knisja bħala diġà lesta.

4 Din il-viżjoni seħħet fil-knisja tad-Dumnikani ta' Avila. Il-viżjoni tal-Madonna u San Ġużepp ilibbsu 'l Qaddisa b'mantell ta' bjuda li tgħammex u bil-ħannieqa ta' ħaġar l-aktar prezzjuż ma' għonqha juru l-apprezzament lejha għax-xogħol li hija kienet qed twettaq għall-ġid ta' l-Ordni Karmelitana. Din ix-xena kienet impittra minn diversi artisti u kienet imsejħa bħala l-Inkoronazzjoni ta' Santa Tereża.

5 Ħafna mill-atti tal-Kapitli Konventwali jagħtu tagħrif abbundanti dwar dan.

6 Bernardo De Domenicis fil-ktieb tiegħu *Il-Ħajja tal-Preti*, p. 104, jirreferi għall-kwadru tiegħu li jinsab fil-monasteru ta' Santa Tereża ġo Bormla, u li jirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu flimkien mal-Profeta Sant Elija.

7 ACDC, *Cronache del convento*, p. 20. Ir-reġistru ta' l-ispejjeż li kienu saru fis-snin 1701-1703, juri l-flus li kienu tħallsu biex ġiet iddekorata l-kappella tal-Madonna tal-Karmnu u ffirmati mill-Pirjol fl-14 ta' Ottubru 1703.

8 Il-kwadri laterali tal-kappella tal-Madonna tal-Karmnu, kif ukoll it-tnejn tal-kappella maġġuri mpittra minn Antonio Xuereb, kif ukoll oġġetti oħra tal-fidda kienu mħallsa mill-familja tal-Gran Mastru Ximenes, għall-fatt li l-Pirjol ta' dak iż-żmien, l-Ispanjol P. Filippu Marija ta' San Nikola, kien għal ħafna snin konfessur tal-prinċep tal-Gżira, il-Gran Mastru Don Fransisco Ximenes De Texada u l-familja tiegħu, kif ukoll kavallieri oħra ta' l-istess nazzjonalità tiegħu.

9 ACDC *Acta Capitulorum Conv. Sanctae Matris Theresiae ab anno 1661 ad 1796.* Kapitlu Konventwali tat-3 ta' April 1675.

10 ACDC *idem.*

11 ACDC *idem* Vol. II, p. 83.

12 ACDC *idem* Vol. II, p. 53.

13 ACDC, *Libro della mensualità dei congregati nella Pia Unione sotto il Patrocinio della B.V. Maria di Pietà eretta nella Conventuale Chiesa dei RR. PP. Carmelitani Scalzi, che si comincia dal mese di Giugno 1844*, u l-kumplament tar-reġistri.


**Forestals**

**Forestals (Appliances) Ltd.**

Paola Square,
Paola PLA 04,
Malta

Telephone: (356) 21 676944